

32002R2154

L 328/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

5.12.2002

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2154/2002**tat-28 ta' Novembru 2002**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 4045/89 dwar skrutinju minn Stati Membri ta' transazzjonijiet li jagħmlu parti mis-sistema ta' finanzjament mis-Sezzjoni ta' Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

L-Artikolu 1

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Ir-Regolament (KEE) Nru 4045/89 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

Billi:

1. L-Artikolu 1 għandu jkun emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

(1) Ir-regoli għall-għażla ta' intrapriżi li għandhom ikunu skrutinizzati kif imniżżel fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89 ⁽³⁾ għandhom ikunu modifikati sabiex jieħdu in konsiderazzjoni l-iżviluppi fl-użu ta' metodi ta' kif jitqies ir-riskju f'miżuri oħra ta' kontroll, li jieħdu in konsiderazzjoni l-inflazzjoni mill-aħħar emenda għar-Regolament (KEE) Nru 4045/89, u biex jagħtu lill-Istati Membri aktar flessibilità fl-għażla ta' intrapriżi.

"1. Dan ir-Regolament għandu x'jaqsam ma' l-iskrutinju tad-dokumenti kummerċjali ta' dawk l-entitajiet li jkunu jirċevu jew iħallsu pagamenti li jkollhom x'jaqsmu direttament jew indirettament mas-sistema tal-finanzzjament tas-Sezzjoni ta' Garanzija tal-FAEGG, jew ir-rappreżentanti tagħhom, minn hawn 'il quddiem imsejja 'intrapriżi', sabiex jiġi aċċertat jekk transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament mis-Sezzjoni ta' Garanzija ta' l-FAEGG ikunux attwalment twettqu u esegwiti b'mod korrett.";

(2) Għandha ssir dispożizzjoni għall-każi fejn Stati Membri jieħdu azzjoni konġunta li tinvolvi għajjnuna reċiproka bejn Stati Membri. Tnaqqis fl-għadd ta' skrutinji, li jirriflettu l-għażla ta' intrapriżi fuq il-bażi ta' metodi ta' kif jitqies ir-riskju u għajjnuna reċiproka mtejbja, ma għandux iwassal għad-deterjorazzjoni fil-kwalità ta' dawn l-iskrutinji.

(b) Il-paragrafu segwenti 5 għandu jiżdied:

"5. Skrutinji ta' miżuri u proġetti ta' żvilupp rurali mhux espliċitament esklużi mill-iskop ta' tali skrutinji, skond l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2311/2000 ^(*), għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-implimentazzjoni ta' tali miżuri u proġetti.

(3) Id-dispożizzjonijiet dwar is-sottomissjoni ta' talbiet għal għajjnuna reċiproka taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89 għandu jiġi ssemplifikat.

^(*) ĠU L 265, tad-19.10.2000, p. 10.";

(4) Il-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Komunità fl-infieq ta' l-Istati Membri li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89 issa waqgħu u għandhom jitneħħew.

2. L-Artikolu 2(2) għandu jkun emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, "ECU 100 000" għandu jkun sostitwit minn "EUR 150 000";

(b) fir-raba' subparagrafu, "ECU 300 000" għandu jkun sostitwit minn "EUR 350 000";

(c) fil-ħames subparagrafu, "ECU 30 000" għandu jkun sostitwit minn "EUR 40 000";

(5) Ir-Regolament (KEE) Nru 4045/89 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan,

3. id-daħla li ġejja għandha tiżdied ma' l-Artikolu 3(1):

"— Jiċċekkja, fejn jidħlu iż-żamma tal-kotba u reġistri ta' attività finanzjarja li juru fiż-żmien ta' l-iskrutinju, li d-dokumenti miżmuma mill-aġenzija li tkun tagħmel il-ħlas ta' għajjnuna lill-benefiċjarju huma preċiżi.";

⁽¹⁾ ĠU C 51 E, tas-26.2.2002, p. 366.

⁽²⁾ Opinjoni ta' l-24 ta' Settembru 2002 (sa issa mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 388, tat-30.12.1989, p. 18. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3235/94 (ĠU L 338, tat-28.12.1994, p. 16).

4. L-Artikolu 7 għandu jkun emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied:

“Fejn żewġ Stati Membri jew iżjed minn tnejn jinkludu fil-programm mibgħut taħt l-Artikolu 10(1) xi proposta għal azzjoni konġunta li tinvolvi għajjnuna reċiproka estensiva, il-Kummissjoni tista', jekk tkun mitluba, tippermetti tnaqqis sa massimu ta' 25 % ta' l-iżgħar għadd ta' skrutinji kif stabbilit taħt l-Artikolu 2(2) għall-Istati Membri kkonċernati.”;

(b) fil-paragrafu 2, il-ħames subparagrafu għandu jkun sostitwit minn dan li ġej:

“Deskrizzjoni fil-qosor ta' dawn it-talbiet għandha tintbagħat lill-Kummissjoni kull tliet xhur, mhux aktar minn xahar wara li jagħlaq il-perijodu ta' tliet xhur. Il-Kummissjoni tista' tesiġi li kopja ta' talbiet individwali tiġi fornita.”;

(c) il-paragrafu 4 għandu jkun sostitwit minn dan li ġej:

“4. Jekk informazzjoni addizzjonali tkun meħtieġa minn Stat Membru ieħor bħala parti mill-iskrutinju ta' xi intrapriża skond l-Artikolu 2, u b'mod partikolari ċcekjkjar bejn żewġ naħat skond l-Artikolu 3, talbiet

speċifiċi għal skrutinju jistgħu jsiru waqt li juru r-raġunijiet għat-talba. Deskrizzjoni fil-qosor ta' talbiet speċifiċi għandha tintbagħat lill-Kummissjoni kull tliet xhur. Il-Kummissjoni tista' tesiġi li kopja ta' talbiet individwali tiġi fornita.

It-talba għal skrutinju għandha tintlaqa' mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tkun waslet; ir-riżultati ta' l-iskrutinju għandhom jitwasslu mingħajr telf ta' żmien lill-Istat Membru u lill-Kummissjoni. In-notifika lill-Kummissjoni għandha tkun kull tliet xhur, mhux aktar minn xahar wara li jagħlaq il-perijodu ta' tliet xhur.”;

5. L-Artikoli 12, 13, 14, 15, 16, 16a u 17 għandhom jitneħħew.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhlo fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika b'effett mill-perijodu ta' skrutinju 2003/2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-28 Novembru 2002.

Għall-Kunsill

Il-President

M. FISCHER BOEL